MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru 930/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**
**vs**
**Christiansen Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Christiansen Bartolo ta' 21 sena bin Joseph Mary u Rita nee' Saliba, imwieled Pieta' fis-17 ta' Lulju, 1981 u residenti 'Celadine' Triq il-Kahwiela, Santa Lucia jew Flat 14, Blk. M. Triq iz-Znuber Santa Lucia, detentur ta' identita numru 386181(m) akkuzat talli:

a. fit-28 ta' Awissu 2001 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu, fi Triq San Bastjan gewwa Hal Qormi, ikkommetta serq ta' baskett li kien fih, ghoxrin lira Maltin, zewg karti t' l-identita' bin-numru 526544(M) u 272938(M) u sett cwievet ghad-dannu ta' Mary Zammit;

b. fl-14 ta' Settembru 2001 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar fi triq il-Begonja gewwa Santa Lucia, ikkometta serq ta' baskett ta' valur ta' hmistax-il lira, minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni STF 620 tal-marka Fiat Punto, li kien fih tletin lira Maltin, sett cwievet, karta ta' l-identita' karta bin-numru 519479(M), credit card tal-BOV u cheque book tal-bank HSBC ghad-dannu ta' Stephanie Testa;

c. fl-14 ta' Settembru 2001 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar fi triq il-Begonja gewwa Santa Lucia, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni STF 620 ghad-dannu ta' Stephanie Testa, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin.

d. f'dawn il-Gzejjer, fl-14 ta' Settembru 2001 u./jew f'xi data ohra qabel din id-data;

i) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil f'skrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Stephanie Testa fuq cekk tal-Bank HSBC u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza;

ii) iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekk tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Stephanie Testa, illi meta gie pprezentat wiehed jista' jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor inwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija;

iii) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki.

Ikkonsidrat:

Hemm l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat li ppersista fiha filwaqt li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu. Wara li semghet lid-derubata u kkonstatat li s-serq kien aggravat bil-mezzi, ammont u natura ta’ haga misruqa u ukoll kien hemm danni lill-vettura.

Rat l-artikolu 261(b) (c) (g), 263, 264, 267, 278, 279(b), 280, 183, 325, 18, 17(h) tal-Kap 9.

Ikkonsidrat li l-imputat rrisarxixxa d-danni kollha subiti mid-derubata, tiddeciedi li tapplika fil-konfront tieghu ordni ta’ probation u tinnomina lill-Carmen Nygaard bhala probation officer, ghall-tlett snin millum. L-ordni ta’ probation hawn annessa ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------